**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (18)



L-ekwipagg tal-Ferilla ta' Marsamxett "Karmena" jippoza għar-ritratt wara r-rebħa tagħhom, aktarx fl-1924

Bla dubju ta' xejn, fejn tidħol l-istorja tar-Regatta tad-dgħajjes jissemmew għadd ġmielu ta' bennejja tal-opri tal-baħar li kellhom l-imħażen tagħhom fil-Ponta ta' l-Isla, kif ukoll fejn illum fejn ġie mibni l-passenger Terminal, fejn fl-imgħoddi kien magħruf bħala "ta' wara l-Isla".

Fost dawn il-bennejja tad-Dgħajjes, Kajjikki u Frejgatini kien hemm il-maħżen ta' McCarthy - li ġenerazzjoni wara l-oħra bdew diversi opri tal-baħar li ħadu sehem fit-Tiġrija tal-Vitorja.

L-aħħar bennej li għamel ġieħ kbir lil razztu f'din is-sengħa ta' bini tad-dgħajjes u Frejgatini kien William Mc Carter li fost il-barklori u n-nies tal-Ponta kien magħruf bħala l-Guli. Niftakar, kont għamiltlu din l-intervista fuq bank ix-xatt tal-Isla. Fl-ewwel mistoqsija tiegħi tlabtu jgħidi fuq iz-zijiet u fuq tfulitu:

"... jien bdejt naħdem ma' zijieti li kellhom maħżen il-Ponta ... zijieti, ħut ommi, kienu żewġt imgħallmin li bnew bosta opri, kemm dgħajjes kif ukoll Frejgatini. Qabel ma bdejt nibni jien opri tal-baħar għat-tiġrija, niftakar lil zijieti ġieli bnew xi Ferilli u Kajjikki għat-tiġrija, fosthom, forsi wkoll l-aħħar wieħed li niftakar jien, kien jismu Kristu Re. Dan il-Kajjikk kien ħafif, u qabel il-gwerra dawn it-tip ta' Kajjikki kienu jsejħulhom Fancy - llum ma jsibx wieħed minnhom għax jgħidu li kollha tkissru fil-gwerra.

Meta marad wieħed miz-zijiet, u x-xogħol naqas komplejt nitħarreġ ma' mgħallem ieħor mill-Kalkara (Bernard ) u hemm iltqajt ma' żagħżugħ Bormliż - ċertu Ġużeppi Cassar (Bengala) li maż-żmien sar imgħallem famuż u mfittex ħafna ...

*Meta bnejt l-ewwel dgħajsa għat-tiġrija?*

"... l-ewwel dgħajsa taxxogħol li bnejt, fl-1935, tajtha bħala rigal lill-lokalitá tiegħi. Kien jisimha Marija Vittorja! L-ewwel dgħajsa tal-Midalji li bnejt għat-tiġrija kien fl-1935 u kien jisimha l-Porto Salvo - isem li mindu kont għadni tifel minn dejjem kont familjari miegħu, peress li l-knisja ta' San Filippu hi ddedikata lil Madonna taħt dan it-titlu, u għalhekk, peress li l-familji li jgħixu f'dawn in-naħat, il-biċċa kbira minnhom jaqilgħu l-għajxien tagħhom mill-baħar, jiffrekwentaw din il-knisja, u dejjem ħassew li waħda mill-opri Sengleani li jġerru fir-Regatta tingħatalha dan l-isem. Milli jidher, din id-drawwa ntirtet minn ġenerazzjoni għal oħra għaliex fi tfuliti niftakar kemm Kajjikki t-Twal kif ukoll Dgħajjes tal-Midalji, anke illum (1980) insibu dgħajjes li jġibu dan l-isem...

*Nimmaġina li wara l-gwerra bnejt aktar dgħajjes tat-tiġrija għal Isla?*

"Wara l-gwerra bdejt numru kbir ta' opri għat-tiġrija, b'mod speċjali Frejgatini li dejjem jirbħu l-palju. Jien ma nixtieqx li tifhimni ħażin - biex tirbaħ palju kemm l-opra kif ukoll l-ekwipaġġ jeħtieġu li jkunu armati tajjeb ... jekk jien ma kellix dubju fl-opra li jkun bnejt, daqshekk ieħor ma kellix dubju f'Wenzu Zarb (il-Bożin) u fil-crews li hu kien iħarreġ b'paċenzja kbira. Kif qed ngħidlek, jien kelli sodisfazzjon kbir bl-opri li bnejt - jien qatt ma tlabt flus għal xogħli ... kont nitlob biss l-ispejjeż li kont nagħmel ... lil pajjiżi kont inħobbu u għalih kont naħdem bil-qalb... Iżda kultant ġieli ssib min jieħu pjaċir imaqdar u jiddispjaċini ngħid li fi żmieni ltqajt ma' ħafna ... tiskanta! ... għax ekwipaġġ b'dgħajsa ġdida ma jirnexxilux jirbaħ palju ... min jeħel? ... d-dgħajsa! Emminni, min jaf kemm-il darba għamilt riżoluzzjoni li ma naħdimx aktar opri għat-tiġrija, iżda meta l-kumitat kien javviċinani u jitlobni mill-ġdid, kont ninsa d-diżappunt tas-sena ta' qabel u nerġa' mill-ġdid ngħaddas rasi fuq ix-xogħol biex pajjiżi jkompli jieħdu sehem attiv f'dawn it-tiġrijiet bl-aħjar opri possibbli ...'

Bħad-distrett tal-Isla, Bormla wkoll kellha l-bennejja tad-dgħajjes tagħha, fejn l-opri tagħhom ukoll bdew jiksbu suċċessi kbar f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali tad-dgħajjes – fosthom kien hemm Ġużeppi Cassar, magħruf aktar bħala Bengala. Lil Ġużeppi għamiltlu din l-intervista ħdejn il-klabb tar-Regatta ta' Bormla. Staqsejtu jekk jiftakarx meta bena l-ewwel dgħajsa?

"... jien bdejt naħdem ma' l-imgħallem Bernard tal-Kalkara - mgħallem tal-affari tiegħu, u li kien jaħdem opri tal-baħar. Dak iż-żmien, qed ngħidlek fil-bidu tat-tletinijiet, fil-Kalkara kien hemm għadd ġmielu ta' mgħallem u kollha ta' ħila kbira. Fil-fatt fix-xaqliba tagħna, l-imgħallmin ta' dawn l-inġenji kont issibhom il-Kalkara u l-Ponta tal-Isla. Jien bnejt l-ewwel dgħajsa f'nofs it-tletinijiet - kienet dgħajsa sabiħa li ġiet mgħammda b'isem 'Karmena' ... għandi dubju, għax illum ma niftakarx, jekk din l-opra kinitx ġerriet fit-Tiġrija tal-Vitorja fl-1935, għax fi żmieni id-dgħajjes (barra l-Kajjikki t-Twal u d-Dgħajjes tal-Midalji) kienu jkunu ta' individwi u mhux tal-poplu kif inhuma llum.

*U wara l-gwerra bnejt dgħajjes oħra għar-Regatta?*

"...wara l-gwerra ma kinux isiru tiġrijiet, għax dawn bdew wara li tnaddaf il-port ... fl-1951 reġgħet bdiet it-tiġrija, Bormla kienet ħadet sehem fil-Kajjikki biss għax l-opri tagħna kienu tkissru bil-bombi, u d-dilettanti kienu naqsu. Fl-1952 jien kont ġejt avviċinat minn Toni Saliba (Il-Kelji) u xi dilettanti minn Marsamxett u talbuni biex nibnilhom dgħajsa tal-Midalji u niftakar li kienu tawha l-isem ta' Stella Maris ... niftakar li xi snin wara (aktarx fl-1958) il-kumitat ta' Bormla kien iddeċieda li nibdew nieħdu sehem fir-Regatta, u kien talab lis-Casan biex jislifna din id-dgħajsa (Stella Maris) biex iġerru biha fit-tiġrija ... fil-korsa ta' bl-erbgħa konna ħadna sehem bid-dgħajsa "8 ta' Diċembru" li jien kont bnejt ma' Ħanni Brincat fl-1953 u li xi snin wara kienet ingħatat lil Ġużeppi Azzopardi (Is-Sufu), li kien għamel żmien jaqdef ma' Bormla. Fl-1953 jien u Ganni konna bnejna żewġt dgħajjes oħra - il-Jawwiefa għal Marsamxett u Duminka għall-Birgu. Iżda tajjeb li wieħed jfakkar ukoll li peress li Bormla ma kellhiex xatt, u li dwaru kellna tilwima mal-Gvern ta' dak iż-żmien, aħna ma konniex ħadna sehem bid-dgħajsa "8 ta' Diċembru" qabel l-1958. Kif taf int, fis-snin ta' wara, dejjem bl-għajnuna ta' Ġanni Brincat u ibnu Johnny bnejna sett sħiħ ta' opri tat-tiġrija għal Bormla u dgħajjes oħra għad-distretti l-oħra...

*Ġuż, int ħdimt dgħajjes għad-distretti kollha minbarra għall-Isla ... x'kienet ir-raġuni - kienet teżisti li pika bejnek u l-Guli?*

"... x'inti tgħid, pika bejni u l-Guli ... jien u l-imgħallem Guli ilna snin nafu lil xulxin u ħbieb tal-qalb ... bejn wieħed u ieħor bdejna flimkien is-sengħa tal-bini tad-dgħajjes għand l-imgħallem Bernard, konna naħdmu flimkien, u mhux l-ewwel darba mort il-maħżen tiegħu l-Ponta, u hu ġie f'tiegħi l-Kalkara ... qatt ma ħdimt għall-Isla mhux għax kif jaħsbu ħafna - minħabba l-pika li kien hemm bejn iż-żewġ distretti fir-Regatta jew ġiegħlni xi ħadd nirrifjuta xogħol għalihom, iżda għax jien dejjem ħassejt li mgħallem bħal Guli m'għandix neħodlu xogħlu, meta naf kemm kien bravu u tas-sengħa, raġel onest u kemm kien jistinka għall-beltu ... kif għedtlek, jien u l-Guli ilna ħbieb mindu konna żgħażagħ u bqajna ħbieb sal-lum…